**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 36/14(29_09_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Settembru 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Memo 25/2014 - Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.
6. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
7. Proġett Eco-Gozo - Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Nfiq tal-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Institute for Tourism, Travel & Culture, University of Malta Valletta 2018 Secretariat rigward 'Local Councils – Valletta 2018 GIS Cultural Mapping Public Consultation'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward l-inizjattiva li ttieħdet mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid fejn il-Kunsill jipprovdi spazju fil-Kunsill Lokali biex jintuża mill-ġenituri bi tfal żgħar kif ukoll minn ommijiet li jkunu qed ireddgħu lit-trabi tagħhom u b'hekk il-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu ħsieb lit-tfal tagħhom b'kumdità waqt li jkunu qed jagħmlu l-qadi tagħhom fil-viċinanzi tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jiġi mħeġġeġ biex jipprovdi spazju adattat u li dan jista' jkun ta' servizz għar-residenti, b'mod partikolari għat-trabi, kif ukoll għal dawk li jżuru l-lokalità. Dan is-servizz jista' wkoll jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-Politika Nazzjonali dwar it-Treddigħ 2015-2020.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Premju Addizzjonali għall-Kunsilli Lokali fil-Parteċipazzjoni tan-National Bike Ride matul il-European Mobility Week'. In-National Bike Ride hija fil-21 ta' Settembru 2014 u l-premju miżjud jikkonsisti f'*Pedelec bike*. Il-ħsieb wara dan il-premju huwa sabiex tiżdied iktar il-kuxjenza lejn ambjent iktar sostenibbli.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward in-nomini għall-'Premju Soċjetà Ġusta 2014' u 'Premju Anzjanità Attiva 2014', imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward *weekend* ta' informazzjoni dwar id-dimensja u dwar is-servizzi għall-persuni b'diżabilità f'Għawdex. Is-*seminar* informattiv b'kollaborazzjoni mal-Malta Dementia Society tad-19 ta' Settembru 2014 fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Victoria huwa dwar id-dimensja filwaqt li s-*seminar* informattiv tal-20 ta' Settembru 2014, fil-Gozo Association for the Deaf, Manresa, Il-Munxar huwa dwar is-servizzi għall-persuni b'diżabilità.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda u l-iskeda ta' pagamenti numru 31 tal-45 laqgħa u l-Minuti tal-44 laqgħa tal-25 ta' Lulju 2014 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn twasslet stedina mingħand il-Ministeru għall-Finanzi għal GRASP (GReen procurement And Smart city suPport in the energy sector) S*eminar* (Green Public Procurement and Energy Efficient Technologies), fid-9 u 10 ta' Settembru 2014, fl-Excelsior Grand Hotel, Floriana.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-iSchool Transport Section, Directorate for Education Services, Ministry for Education and Employment il-lista tal-ħinijiet tat-trasport tat-tfal organizzat mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni għall-istudenti tal-iskejjel Sekondarji u rigward xi lmenti li jistgħu jaslu fil-Kunsill.

2.11 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-WasteServ Malta Ltd. għal konferenza u *technical workshops* dwar 'The Importance of Communication in the Waste Management Sector' bħala parti minn Zerowaste Pro project, fit-8 t'Ottubru 2014, fid-Dolmen Resort Hotel.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Senior Head Gozo tal-Malta Tourism Authority dwar l-*event* li saret fix-Xlendi fis-26 ta' Settembru 2014 fl-okkażjoni tal-World Tourism Day 2014.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand rappreżentant tal-Bikers Group fejn qed jinformaw lill-Kunsill li fil-25 t'Ottubru 2014 huma flimkien ma' *bikers* Taljani se jagħmlu waqfa fix-Xlendi u għaldaqstant qed jitolbu permess sabiex bħas-snin l-imgħoddija jkunu jistgħu jipparkjaw il-muturi sa ħdejn il-moll. Il-Kunsill jieħu pjaċir li Ix-Xlendi sar il-post tal-waqfa tagħhom sabiex jieħdu l-ikla ta' nofsinhar għal waqt il-ġurnata f'Għawdex. Ma għandhiex tkun problema li jitħalla spazju għall-muturi tagħhom, u naħdmu kif ħdimna fis-snin l-oħra.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Maltese Olympic Committee rigward il-MOC Sports Awards fejn ser jingħata *award* li dak il-Kunsill li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur ta' Transport Malta rigward it-talba li saret sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq iż-Żirżieb faċċata ta' *garage* li jkun irid idaħħal opra tal-baħar. Il-Kunsill ġie infurmat li din it-talba ġiet irrifjutata għaliex *double yellow lines* faċċata ta' *garage* jsiru biss sabiex toħroġ il-karozza u mhux opra tal-baħar.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward il-kuntratt li l-Kunsill kien iffirma mal-WasteServ Malta Ltd., liema kuntratt skada fil-31 ta' Lulju 2014. Mat-tmiem ta' dan il-kuntratt, dawn il-*bins* saru proprjetà tal-Kunsill li diġà għandu ftehim ma' waħda mill-iskemi sabiex dawn jitbattlu. Dan ifisser li ma hemm l-ebda spejjeż ġodda li l-Kunsill ser jidħol għalihom. Ċirkustanzi bħal min ser inaddaf il-*bring in sites* u min ser iħallas l-ispejjeż f'każ ta' ħsarat, jiddependu mill-ftehim li sar bejn il-Kunsill u l-iskema kkonċernata.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu rapport mill-Kunsill rigward applikazzjoni li saret għal *reserved parking*. Din it-talba saret minn persuna li toqgħod fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ma għandux informazzjoni dwar din il-persuna u għaldaqstant ir-rapport ma huwiex ser isir.

3.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA fejn infurmat lill-Kunsill li saret PC Application biex tiġi emendata kantuniera fi Triq ir-Rabat ma' Triq il-Ġostra fix-Xlendi. Il-Kunsill ser jitlob lill-MEPA tibgħat aktar informazzjoni dettaljata.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-JP2 Foundation fejn qed jipproponu li jorganizzaw serata mużika-letterarja fil-kappella tal-Knisja tax-Xlendi nhar il-Ħadd, 5 t'Ottubru 2014 fis-6 ta' filgħaxija. Huma qed jitolbu l-ħlas ta' €175 sabiex jiġi pprintjat *flyer* u jitqassam f'kull dar fil-Munxar, Ix-Xlendi, Ta' Sannat, Ta' Kerċem u Il-Fontana. Il-Kunsill iddeċieda li deċiżjoni dwar din il-materja għandha tittieħed mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 36/14(29_09_14).

**5.00 Memo 25/2014 - Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.**

5.01 Il-Kunsill kien applika għall-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015. Kien applika sabiex fis-sena 2014 jorganizza programm ta' attivitajiet sportivi 'A Healthier Community Through Sports'. Dan ser ikun taħt is-superviżjoni ta' *instructors* kwalifikati u jikkonsisti fi tliet *sections* – sezzjonijiet ta' *exercise* u logħob għaż-żgħażagħ, sezzjonijiet ta' *fitness exercises* għall-adulti u sezzjonijiet ta' *fitness exercises* għall-anzjani li jattendu d-Day Centre. Ser issir ukoll *Sports Day* b'logħob tradizzjonali għal kulħadd.

**6.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

6.01 Id-disa' offerti li ġew ippubblikati ser jagħlqu fil-31 t'Ottubru 2014, fl-10 ta' filgħodu. L-offerti minn numru 1 sa numru 5 jikkonċernaw xogħlijiet iffinanzjati mill-Miżuri 313 u 323. Peress li x-xogħol irid ikun lest sal-10 ta' Diċembru 2014, se jinħatar *adjudication board* u se jibda jiltaqa' eżattament wara li jinfetħu l-offerti. Il-membri tal-Kunsill intalbu jridux ikunu membri f'dan l-*adjudication board*. Dawk li ser ikunu membri ser jikkonfermaw fil-laqgħa li jmiss.

**7.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

7.01 L-ewwel fażi tal-proġett tal-pjazza huwa lest. Il-perit għadu kemm ġie jkejjel il-balavostri li għadhom kemm tlestew. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat minn Eco-Gozo li l-*funding* ġie approvat u ssuġġerew li l-Ministru għal Għawdex jiġi fil-pjazza u jippreżenta s-somma ta' €49,000. Ġie deċiż li din il-preżentazzjoni ssir meta ssir il-faxxa ta' taħt il-balavostri u titranġa l-bokka tax-*shelter*.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

8.01 Bħalissa qed jerġgħu jinżebgħu s-sinjali u marki tat-toroq fil-Munxar speċjalment quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali peress li daqt tibda d-Duttrina tat-tfal.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-perit għamel l-aħħar spezzjoni dwar il-proġett ta' tisbiħ li sar fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Meta l-perit jiċċekkja li x-xogħlijiet saru sew, il-Kunsill jgħaddi l-ħlas lill-kuntrattur.

9.02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa mal-*Paying Office* rigward il-fondi 313 u 323 fejn ġejna infurmati li l-fondi li għad fadal iridu jkunu ntużaw sal-aħħar tas-sena 2014.

9.03 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għas-*seminar* dwar it-Tnaqqis tal-Burokrazija li sar fil-Ministeru għal Għawdex.

9.04 F'dawn l-aħħar ġranet it-Taqsima tal-Public Cleansing spiċċat mingħajr kennies li jiknes fix-Xlendi. Sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni l-Kunsill ingħata ħaddiem mill-iskema tax-Xogħol fil-Komunità tal-ETC u ngħata l-knis ta' toroq tax-Xlendi.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Il-Kunsill kien se jiffirma l-kuntratt għall-fondi tal-GAGF Measure M312 $2^{nd}$ Call dwar Upgrading of Triq Żgħawri Nature Walk. Il-*grant* se tammonta għal €173,203.29 VAT mhux inkluż. Il-VAT irid jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill se jikkonsidra l-possibiltà ta' *co-financing* ta' dan il-VAT li se jammonta għal madwar €31,000. Dan se jiġi ffirmat fl-1 t'Ottubru 2014 u x-xogħol irid ikun lest u mħallas sal-31 ta' Mejju 2015.

10.02 Il-Kunsill kien se jiffirma l-kuntratt tal-GAGF Measure M413.4 dwar Pedestrianising Munxar's Village Square li l-ammont ser ikun ta' €54,700 mingħajr VAT. Il-Kunsill irid jikkontribwixxi s-somma ta' €10,940.00 mingħajr VAT. Il-VAT tal-proġett kollu li jammonta għal madwar €9,846 irid jitħallas ukoll mill-Kunsill. Il-Kunsill kien se jesplora l-possibiltà ta' *co-financing* għall-ammont ta' €20,786. Il-kuntratt se jiġi ffirmat fl-1 t'Ottubru 2014 u x-xogħol irid ikun lest u mħallas sal-31 ta' Mejju 2015.

10.03 L-Onor. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali kien se jagħmel żjara ta' korteżija fil-Kunsill Lokali fl-1 t'Ottubru 2014, fil-11.00 ta' filgħodu. Il-membri tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi huma mistiedna biex jattendu.

10.04 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-kumpanija Lornit Technology Company sabiex il-Kunsill jixtri l-*Permit Management System* fejn tinkorpora l-permessi kollha tal-Kunsill. Il-prezz huwa ta' mhux aktar minn €95.58 kull xahar jew inkella *option* oħra ta' €0.95ċ kull permess li ma jaqbżux l-ammont ta' €95.58 fix-xahar. Għalissa l-Kunsill ma jistax jikkommetti ruħu minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja. Ser jiġi kkunsidrat għas-sena 2015.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li f'Ottubru 2014 ser issir it-tilqima għal kontra l-influwenza lir-residenti u fl-aħħar ta' Novembru 2014 ser isir it-tibdil tal-Karti tal-Identità.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Robert Mallia informa lill-Kunsill li l-*gate* f' tas-Sanap qed ikun magħluq u għaldaqstant issuġġerixxa li ssir tabella *cul-de-sac* fi Triq Żgħawri.

Is-Sur Robert Mallia staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill. Huwa ġie infurmat li għalissa dan il-proċess huwa *on hold* minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja għadha trid tiġi evalwata wara li l-kontijiet tal-proġetti jkunu lesti.

11.02 Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex issir tabella fi Triq San Pawl minħabba li t-traffiku qed joħroġ għal ġol-Pjazza tal-Knisja b'veloċità eċċessiva u qed ikun ta' periklu. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li xi *zebra crossings* tal-Pjazza tal-Knisja ma jixegħlux.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex it-tindif tal-wied tax-Xlendi jibda mill-aktar fis possibbli peress li qed ikun hemm diversi lmenti mill-pubbliku li f'dan il-wied hemm ħafna żibel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 23 t'Ottubru 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***